MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 988/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Darren Attard (I.D. nru. 562674(M))**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-bank attur fil-15 ta’ Ottubru, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura privata datata fl-14 ta’ Dicembru 2001 (Dok. ‘A’), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Darren Attard;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta’ Darren Attard fis-somma ta’ hmistax-il elf, disa’ mija u tnejn u hamsin Ewro

u wiehed u sebghin centezmu (€15,952.71) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Darren Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3" flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-16 ta' Settembru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebita bhala Dokument A) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Darren Attard naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Darren Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment

5. Illi l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata fil-25 ta' Marzu 2009 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "C", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqgha inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tilqa t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob :

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esebita bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Darren Attard, (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Darren Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Darren Attard ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hmistax-il elf, disa’ mija u tnejn u hamsin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€15,952.71) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta’ Darren Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B3” flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-16 ta’ Settembru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fil-25 ta’ Marzu 2009 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment u li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tax-xhieda tal-bank attur;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezenta risposta guramentata u b’hekk baqa kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Joseph Hollier ghall-bank attur fis-seduta tal-25 ta’ Marzu 2010 jikkonferma bil-gurament illi l-bank attur sa dakinhar baqa ma thallas xejn minghand il-konvenut;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa’ talba attrici, kif dedotti fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur s-somma ta' hmistax-il elf, disa’ mija u tnejn u hamsin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€15,952.71) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta’ Darren Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B3” flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-16 ta’ Settembru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament; bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------